**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. SIMONE GRECH**

**Kumpilazzjoni Numru 743/2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Leeroy Balzan Engerer)**

**vs**

**Vincent Preca**

**Illum, 4 ta' Novembru 2020**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Vincent Preca, detentur tal-karta tal-identitá numru 424862M, fejn gie akkuzat li:

Nhar l-04 ta' Novembru 2018, ghal habta tal-hdax u nofs ta' filghodu, gewwa l-fond numru 225, Triq l-Imhallef William Harding, Pembroke:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja tal-mara tieghu, Anna Maria Preca, f'periklu car, ikkagunalha hsara fil-gisem jew fis-sahha taghha, liema griehi huma ta' natura hafifa  (Artikoli 214, 215, 221(1)(a), 202(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Bl-imgieba tieghu, ikkaguna lil Anna Maria Preca l-biza li ser tintuza vjolenza kontra taghha jew kontra l-proprjetà taghha, jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi hadd mill-axxendenti, diccendenti, ahwa jew familjari ohra taghha (Artikolu 251B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. Hebb kontra l-mara tieghu Anna Maria Preca, sabiex jingurajha, iddejjaqha jew jaghmillha hsara (Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Din l-Onorabbli Qorti giet gentilment mitluba tohrog Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkuzat, sabiex tipprovdi ghas-sigurtà ta' Anna Maria Preca, jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leza, jew ta' individwi ohra, minn fastidju jew imgiba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, u dan ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Onorabbli Qorti giet mitluba titratta dan il-kaz bhala wiehed ta' vjolenza domestika skont il-Kap 581 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti pprezentati;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-parte leza;

Semghet trattazzjoni orali da parte tad-difiza;

Rat li din il-kawza giet differita ghas-sentenza;

Rat l-artikoli relevanti.

**Ikkunsidrat**

Durante s-smigh ta' din il-kawza, tressqu s-segwenti provi viva voce:

**L-Ispettur Leeroy Balzan Engerer** xehed li fl-4 ta' Novembru 2018, ghal habta ta' nofsinhar, il-Pulizija ta' San Giljan gew infurmati minn Anna Maria Preca, li ftit qabel, sehh argument familjari gewwa d-dar, fejn ir-ragel taghha, Vincent Preca, waddbilha *chopping board,* u bis-sikkina fuqha, bil-konsegwenza li weggghalha sieqha. Spjega li Anna Maria Preca, giet avzatha sabiex tmur tigbor certifikat mediku. Spjega li din damet tistenna sa xi l-erbgha ta' filghodu u imbaghad ghaddietu lill-Pulizija. Gew imsejjha wkoll s-*social workers* fil-kaz, peress li kien kaz ta' vjolenza domestika. Spjega li r-*risk assessment* mis-*social workers* sar gewwa l-Ghassa ta' Rahal il-Gdid. Stante li dan irrizulta li kien *high risk*, inharget *Temporary Protection Order* mill-Magistrat Charmaine Galea fil-5 ta' Novembru 2018, fit-tlieta u nofs. Fis-6 ta' Novembru 2018, huwa kellem lil Vincent Preca fejn ta l-istqarrija tieghu.

In **kontroezami,** l-Ispettur spjega li Vincent Preca kien qed jaqta' xi tigieg u waddab il-*board* u s-sikkina. Sostna li Anna Maria Preca qaltilhom li Vincent Preca kien waddbilha s-sikkina, u kif ukoll ic-*chopping board*. Spjega li s-sikkina kienet wahda li taqta', u cioè kbira li taqta' l-affarijiet. Kienet sikkina tal-kcina, izda din ma gietx elevata. Huwa ma setax jaghti dettalji fuq is-sikina, fis-sens li ma kienx jaf kinitx sikkina tal-laham, sikkina tal-hobz, jew xi tip iehor. Spjega li Vincent Preca kien qed iqatta' t-tigieg li kien ghadu ffrizat, u l-mara tieghu kienet qed tghinu jaghmlu l-ghagina. Spjega li l-vittma qalet li ntlaqtet saqajha. Mill-istqarrija rilaxxata minn Anna Maria Preca jirrizulta li din qalet, li waqt li Vincent Preca beda jqatta' t-tigieg, huwa beda joffendiha u jkellimha hazin, u qabad ic-*chopping board* u s-sikkina u t-tigieg li kien hemm fuqha f'idejh, u waddabhomlha kollha lejn saqajha.

L-Ispettur ikkonferma li qatt ma kien hemm rapporti ohra fir-rigward ta' Vincent Preca u Anna Maria Preca. Spjega li l-koppja kienu ilhom mizzewwga ghal 28 sena. Huwa kkonferma li ma hassx li Vincent Preca kellu jitressaq taht arrest. Sostna li Anna Maria Preca qalet fl-istqarrija taghha, li kien hemm episodji ta' vjolenza domestika, izda qatt ma ghamlet rapport.

**<u>Anna Maria Preca</u>** xehdet li fl-4 ta' Novembru 2018, gie jzurhom iz-ziju tar-ragel taghha. Hija halliet lir-ragel u liz-zijuh jitkellmu fil-kcina, u hi baqghet tkompli tahdem fil-*washroom*. Spjegat li xhin regghet nizlet, iz-ziju tar-ragel kien telaq. Spjegat li kienu ftehmu li ser jaghmlu torta tat-tigieg, u ghalhekk huma marru fil-kcina. Spjegat li Vincent kien qallha sabiex hi tibda taghmel l-ghagina, izda hi qaltlu li ser tiehu bela' kafe l-ewwel. Kompliet tghid li huwa qabad ic-*chopping board*, is-sikkina u t-tigieg fejn beda jqatta' t-tigieg. Spjegat li xhin beda jqatta' t-tigieg, Vincent Preca beda joffendiha u jkellimha hazin. Sostniet li hija rrispondietu, u f'daqqa wahda, Vincent Preca qabad ic-*chopping board*, is-sikkina u t-tigieg li kien hemm, u waddabhomlha, filwaqt li baqa' joffendiha u jghajjat li ma jrid jaghmel xejn. Spjegat li l-injama giet fuq sieqha fejn weggatha, filwaqt li s-sikkina ghaddiet minn fejn saqajha, habtet mal-*cupboards* tal-kcina, u nizlet catta mal-art. Spjegat li Vincent Preca taha harsa kerha u telaq lejn il-kamra tas-sodda.

Hija ezebiet zewg ritratti tal-griehi li ttiehdu meta kienet qeghda Mater Dei, u ttiehdu minn bintha. Sostniet li minn barra dan l-incident, kien hemm incidenti ohra. Sostniet li kien hemm tliet snin u nofs ilu. Ikkonfermat li qatt ma ghamlet rapporti lill-Pulizija. Sostniet li hija ma tistax tissaporti iktar, u ppruvat thalli lill-familja flimkien.

**<u>Mireille Zammit,</u>** *Social Worker*, xehdet li fil-5 ta' Novembru rcevew telefonata mill-Ghassa ta' San Giljan biex isir *risk assessment* lis-Sinjura Preca fl-Ghassa ta' Rahal Gdid. Spjegat li Preca kienet akkumpanjata mit-tifla taghha, Stephanie. Qalet li din qaltilhom li kien mar izurhom iz-ziju tar-ragel, u kif telaq, kienu ppjanati jsajjru torta tat-tigieg. Spjegat li qaltilhom li kienet qed taghmel il-hwejjeg u talbet lir-ragel jaghtiha ftit cans. Kien f'dak il-hin li r-ragel beda jghajjarha u juza kliem dizpreggjativ, u f'daqqa wahda, waddbilha c-*chopping board* u s-sikkina, li laqtuha f'saqajha. Din ikkonfermat li hija ma kinitx prezenti waqt dan l-incident, izda sempliciment qaltilha b'kollox Anna Maria Preca. Spjegat li Anna Maria Preca sostniet maghhom li r-ragel taghha gieli qalilha matul iz-zwieg, li ser iqattaghha bicciet u ser jitfaghha fil-bir. Spjegat li Vincent Preca ma giex mitkellem minnhom.

F'seduta ohra, Mireille Zammit ipprezentat ir-*Risk Assessment Report,* u kkonfermat il-kontenut tieghu. Sostniet li dak li hemm miktub f'dan ir-rapport,

sar minnha flimkien mal-kollega taghha, Rosanna Cassar.  Kompliet tghid li l-original tar-rapport, jinghata lill-Ispettur.

**<u>Rosanna Cassar</u>** xehdet li hija S*ocial Worker* mal-Agenzija Appogg, u li tkellmu ma' Anna Maria Preca fil-5 ta' Novembru gewwa l-Ghassa ta' Rahal il-Gdid, ghaliex din kienet qaghdet fid-dar tal-genituri taghha dak il-lejl li gara l-incident. Sostniet li Preca ddeskriviet l-incident li sehh, fejn ir-ragel waddab xi oggetti, fosthom sikkina u *chopping board* li laqtuha f'saqajha.  Ikkonfermat li l-*assessment* irrizulta *high risk*.  Ikkonfermat ukoll li Vincent Preca ma giex mitkellem minnhom.  Fl-*scoring chart* jkun hemm mistoqsijiet dwar fuq xiex inqala' l-argument, jekk kienx hemm thedid, jekk kienx hemm incidenti li sehhew qabel, u jekk kienx hemm abbuz qabel.

**<u>In Kontro-ezami</u>**, Cassar spjegat li huma jsaqsu lill- vittma u jitkellmu maghha biss.  Spjegat li waqt li sar l-*assessment*, kien hemm xi tifla prezenti.  Spjegat li f' din il-*household*, jghixu r-ragel, Anna Maria Preca u tlett itfal.

Rosanna Cassar regghet xehdet f'seduta ohra fejn ikkonfermat bil-gurament taghha, r-*Risk Assessment Report* ezebit, u sostniet li hija kienet il-persuna li kitbitu.  Spjegat li r-*rating* giet 20 li jfisser *high risk*.

In kontro-ezami, hija spjegat li huma attendew l-Ghassa, u qatt ma marru fid-dar matrimonjali.  Sostniet li huma tkellmu mas-sinjura biss.  Ikkonfermat li l-konjugi Preca, ghandhom tlett itfal, u li tifla minnhom, probabilment iz-zghira, kienet qed takkumpanja lil ommha, u kienet qed tikkonferma dak li qed tghid ommha.  Sostniet li huma ma kellmux lit-tfal l-ohra.

**<u>Dottor Jeffrey Bonnici </u>**xehed permezz ta' affidavit, fejn spjega li wara li ezamina lil Anna Maria Preca fil-5 ta' Novembru 2018, fis-1.30am fid-Dipartiment tal-Emergenza f'Mater Dei, irrizulta li l-pazjenta kienet qed issofri minn tbengila fuq it-tieni suba' tas-sieq il-leminija (*2nd right toe*).  Spjega li gie mehud *x-ray* Ii ma weriex ksur.

**<u>PS 1320 Shaun Axiaq</u>** xehed illi Anna Preca kienet tkellmet mas-Surgent Ivan PS 156, fis-sens li kien hemm xi argument bejnha u bejn zewgha, li nqala' fil-kcina

tar-residenza taghhom f'Pembroke jew Swieqi. Spjega li din bdiet tghid li zewgha beda joffendiha, u dan waddbilha sikkina li ma laqtithiex, u kif ukoll waddbilha *chopping board* li laqtitha f'saqajha. Spjega li s-Surgent bghatha l-isptar, u l-ghada din giet b'certifikat mediku li gie mghoddi lill-Ispettur Balzan Engerer. Ic-certifikat kien jghid li kien *slight save complications*. Spjega li din talbet li trid tmur id-dar, izda kienet qed tibza' u ghalhekk, kienu ntbaghtu xi pulizija maghha. Ikkonferma li kienu gew involuti s-*social workers* f'dan il-kaz.

**<u>In kontro-ezami,</u>** huwa spjega wkoll li ma kienx mar fuq il-post. Huwa ppreciza li ma rax is-sikkina u lanqas ic-*chopping board*.

**<u>L-imputat</u>** xehed fejn qal li dakinhar filghodu, ghall-habta tad-disgha jew disgha u nofs ta' filghodu, gie jzur lill-familja taghhom, zijuh, Charles Montebello, fid-dar matrimonjali f'Pembroke. Spjega li dan kien jzurhom b'mod regolari, izda kien ilu madwar sitt xhur l-isptar, u ghalhekk kien ilu ma jzurhom. Ikkonferma li z-ziju jigi min-naha tieghu u mhux min-naha ta' martu. Spjega li huwa qghad iparla ma' zijuh u tah bela' kafe, filwaqt li martu kienet fuq il-bejt taghmel xi hwejjeg. Spjega li huwa kien sejjah lil martu biex tinzel biex tara lil zijuh, u din kienet nizlet wara ftit.

Spjega li martu ghamlet il-kafe u regghet telghet 'il fuq. Qal li huwa ma jafx jekk din qalitx bongu jew kellmitux liz-zijuh. Spjega li martu ghamlet il-kafe b'mod normali. Spjega li wara ftit, zijuh telaq u hu staqsa lil mara x'ser isajjru. Spjega li martu kienet ghadha fuq il-bejt u ccekjat il-friza, filwaqt li qaltlu li kien hemm it-tigieg. Ghalhekk iddecidew li jsajjru torta tat-tigieg. Qal li wara ftit, martu nizlet it-tigieg u kienu ser jibdew isajjru. Spjega li martu harget il-haxix u mbaghad nqala' argument fuq iz-ziju. Spjega li l-argument li nqala', kien relatat maz-zjara taz-ziju. Spjega li huma komplew, lesti biex jibdew iqattghu, izda l-argument eskala. Spjega li huwa kien dahru lejn martu, u hija kienet warajh. L-argument eskala bil-paroli, ghalkemm ma jiftakarx ezatt kif inqala' l-argument. Spjega li huwa kien iddejjaq li meta wasal iz-ziju, hija telghet fuq il-bejt, ghax dan kien sehh iktar minn darba. Spjega li fil-bidu, kienu qed jitkellmu b'mod normali, izda f'daqqa wahda, ma jafx x'gara, u lil martu qatt ma kien raha hekk irrabbjata. Spjega li qaltlu kliem li qatt ma kien semghu qabel.

Qal li martu bdiet issemmi xi mard li ghandu, u mbaghad bdew jillattikaw u jirrispondu lil xulxin. Spjega li huwa gie sorpriz bl-atteggjament irrabjat ta'

martu. Spjega li martu kienet ser tqatta' l-haxix. Spjega li minhabba li bdew jirrispondu lil xulxin, huwa qabad u qalilha, mela ma rrid naghmel xejn. Spjega li kellu kollox quddiemu u jahseb li taru l-affarijiet. Qal li jew laqathom u tajjarhom, jew xi haga hekk, bil-konsegwenza li waqghet il-*board* mal-art. Spjega li xhin fetah idejh, jew xhin dar lejn martu, waqqa' jew tajjar ic-*chopping board*, u x'aktarx is-sikkina wkoll. Ikkonferma li c-*chopping board* waqghet mal-art zgur. Huwa sostna li ma rahiex taqa' jew tolqot lil mara ghaliex kienet warajh. Spjega li anke t-tigieg waqa' mal-art. Spjega li huwa baqa' fil-kcina u hi telqet tigri fil-kamra tas-sodda. Huwa baqa' fil-kcina u fetah il-bieb tal-bitha fejn kien hemm il-qattus li dahal jiekol it-tigieg. Spjega li martu harget ma' bintha 'l barra. Spjega li huwa mar ifittixhom bil-karozza, izda xhin sabhom, rahom li qishom ingibdu lura, u ghalhekk ma kellimhomx, u mar lura d-dar.

Spjega li huwa cempel lil bintu fuq it-telefown, izda ma bdietx tirrispondi. Qal li huwa cempel lil missieru u lil xi hbieb tieghu biex icemplu lil bintu. Spjega li mbaghad, wara li ghadda certu hin, baghtu ghalih il-Pulizija, fejn spicca arrestat. Huwa cahad li qatt kien hemm incidenti ta' dan it-tip. Ilu mizzewweg 28 sena u dejjem hass li kienu jghixu hajja normali. Spjega li l-mara kienet mara tad-dar. Spjega li kienu johorgu flimkien u jaghmlu x-xirja flimkien, izda l-affarijiet tad-dar, tiehu hsiebhom hi. Spjega li fil-*weekends*, kien ihobb isajjar hu. Spjega li hajjithom kienet normali. Qal li kien hemm incident darba wahda, xi tlieta jew erba' snin ilu, fejn huwa rrabbja u kisser xi fajjenza. Dak kien l-uniku incident li sehh. Spjega li huwa *Air Traffic Safety Electronics Supervisor* u huwa dejjem ipprovda ghat-tliet uliedu. Spjega li uliedu joqghodu lkoll id-dar maghhom. Spjega li martu qatt ma tatu x'jifhem li ma riditx tkompli tghix mieghu. Spjega li wara dan l-incident, martu bdiet proceduri ta' separazzjoni.

In **<u>kontro-ezami,</u>** huwa spjega li huwa mar l-Ghassa meta cemplulu l-Pulizija, u mbaghad baqa' arrestat. Huwa kkonferma li l-atteggjament ta' martu kien normali meta nizlet taghmel il-kafe. Spjega li meta nizlet it-tieni darba bit-tigieg maghha, l-atteggjament taghha kien ghadu normali. Spjega li nqala' l-argument fuq iz-ziju ghaliex kull meta jigi z-ziju, titla' fuq il-bejt. Ikkonferma li waqt l-argument, huwa semma l-omm mejta ta' martu. Spjega li martu bdiet tghajjru biz-zokkor. Huwa cahad li dakinhar kellu zokkor gholi, u li l-incident seta' sehh minhabba f'hekk. Spjega li martu kienet 'il boghod minnu, bhal qisu kien hemm tnejn jew tliet persuni bejniethom. Huwa sostna li l-affarijiet waqgghu fuq il-madum. Spjega li aktarx, meta dar lejn martu, tajjarhom. Spjega li huwa ma rahiex tintlaqat ghax warajh kienet.

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti fliet u qieset il-provi prodotti f'dan il-kaz. F'ghajnejn din il-Qorti, irrizulta b'mod car, li verament qam argument bejn il-partijiet, liema argument beda minhabba z-zjara taz-ziju tal-imputat, u l-atteggjament tal-mara tal-imputat fir-rigward ta' tali zjara. Din il-Qorti qieset il-verzjoni moghtija minn mart l-imputat u l-verzjoni moghtija mill-imputat quddiem din l-Onorabbli Qorti. Skont mart l-imputat, l-imputat waddbilha s-sikkina, ic-*chopping board* b'kollox, u li din ic-*chopping board*, laqtitha f'saqajha. Mill-banda l-ohra, l-imputat sostna li huwa kien dahru lejn martu u li martu kienet warajh. Xehed li f'daqqa wahda, qal li ma jrid jaghmel xejn, u skont hu, jew laqat dawn l-oggetti u waqghu fl-art, jew tajjar dawn l-oggetti xhin dar lejn martu. Huwa sostna wkoll li huwa ma rax lil martu tintlaqat b'dawn l-oggetti, u li martu telqet 'il barra mill-kcina timxi.

Din il-Qorti tista' toqghod biss fuq dawn iz-zewg verzjonijiet, stante li l-istqarrija rilaxxata lill-Ufficjal Prosekutur, kemm minn Anna Maria Preca, kif ukoll mill-imputat, u li l-Ispettur semma fix-xhieda tieghu, qatt ma gew ezebiti. In oltre, l-istess Ufficjal Prosekutur, la acceda fuq il-post, u lanqas eleva s-sikkina in kwistjoni, jew ic-*chopping board*. Is-*Social Workers* li tressqu bhala xhieda, setghu jixhdu biss fuq dak li allegat maghhom Anna Maria Preca, u spjegaw fix-xhieda taghhom, li huma ma accedewx fuq il-post, u ma tkellmux mal-imputat.

Din il-Qorti qieset li mill-pozizzjoni kif kienu qeghdin l-istess partijiet fil-kcina (hekk kif deskritta mill-imputat innifsu), ma jistax ikun li sempliciment l-imputat sabbat fuq l-oggetti, bil-konsegwenza li dawn taru ghal mal-art u waqghu fuq sieq martu. L-imputat ikkonferma li martu kienet warajh u ghalhekk, li kieku l-oggetti ntlaqtu biss minnu waqt li huwa kien dahru lejn martu, dawn l-oggetti ma setghux jispiccaw fid-direzzjoni ta' martu, izda semmai, kienu jispiccaw fil-genb tieghu u fejn saqajh. Din il-Qorti hija konvinta li dak li sehh kien li l-imputat dar lejn id-direzzjoni ta' martu, u waqt li kien qed jaghmel din il-manuvra, tajjar (hekk kif iddeskriva l-istess imputat) l-oggetti in kwistjoni fid-direzzjoni ta' martu, bil-konsegwenza li din intlaqtet mic-*chopping board* f'sieqha. Din il-Qorti tqis li ghalkemm l-imputat ghazel li juza l-verb 'tajjar', hija konvinta li dak li sehh kien li waddab dak li kellu f'idejh dak il-hin, in vista tal-argument li eskala.

Id-difiza sostniet, fost argumenti ohra, illi Vincent Preca, ma kellu l-ebda intenzjoni li jwegga' lil martu. Dwar l-element intenzjonali, f'sentenza moghtija

mill-Qorti tal-Appelli Kriminali, il-Pulizija vs Emanuel Zammit, deciza fit-30 ta' Marzu 1998, gie deciz:

***"Il-ligi taghna, ghall-fini tar-reat ta' offiza volontarja fuq il-persuna, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Jekk l-intenzjoni tal-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hi zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid iwiegeb ghal konsegwenzi kollha li effetivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta'l-ghemil tieghu"***

***Il-Professur Mamo jghid: "To constitute the crime of willful bodily harm, the injury must have been caused intentionally.***
***But the intention required is merely the animus nocendi, the generic intent to cause harm, without requiring necessarily the actual intention to do the particular kind of bodily harm which, in fact, ensues."***

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Darren Attard**, deciza mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Settembru 2000, l-Onorabbli Qorti tal-Appell spjegat fil-qosor x'inhu ntiz bl-element formali jew *mens rea.* L-Onorabbli Qorti tal-Appell spjegat u kkristalizzat il-punt tal-importanza tal-element intenzjonali, f'kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Doreen Zammit, deciza fil-15 ta' Gunju, 2001. Il-Qorti fil-fatt rreteniet illi '*wiehed huwa tenut* ***dejjem responsabbli ghall-konsegwenzi naturali ta' dak li intenzjonalment u volontarjament jaghmel****. Minn dawn il-fatti jemergi l-element formali ta' dan ir-reat addebitat lill-appellanti. Dan ukoll kien parti mill-apprezzament tal-provi fl-assjem taghhom li sar mill-ewwel Qorti w li din il-Qorti ma ssib ebda skorrettezza fih…'*

L-element formali rikjest biex jissistuxxi r-reat ta' offiza volontarja, huwa l-intenzjoni, anke dik generika li tikkawza hsara, anke jekk tkun ta' portata zghira, u cioè sempliciment '*the intent to cause harm',* però tali element, xorta jrid jirrizulta mill-assjem tal-provi illi l-Qorti jkollha quddiemha. Fl-assenza tal-element formali ma jistax ikun hemm responsabbiltà penali. L-att materjali jrid ikun xorta sar bir-**rieda** u bil-**volontà**, sabiex tinstab htija kriminali. Illi konsegwentement, sabiex jissustixxi dan ir-reat, irid jigi pruvat mhux biss l-a*ctus reus,* u cioè l-fatt li gew ikkawzati *danni* fuq il-persuna, per konsegwenza tal-agir tal-persuna akkuzata, izda hemm bzonn li ssir il-prova illi l-akkuzat kellu l-intenzjoni, anke jekk ta' natura generika illi JWEGGA', anke jekk b'mod hafif. Illi sabiex wiehed jiddetermina dan, anke skond il-gurisprudenza kopjuza tal-Qrati taghna f'dan ir-rigward, wiehed irid bilors jezamina bir-reqqa dak li rrizulta mill-provi, senjatament f'dak li jirrigwardja **n-natura u l-kwalita tal-ghemil** tal-persuna li wassal biex jikkawza l-hsara.

Huwa rilevanti wkoll dak li jissotometti l-Profs. Mamo, a rigward ta' kif Qorti ghandha tevalwa l-agir tal-persuna akkuzata, meta dan jikkawza griehi fuq il-vittma, u cioè:

"The principle is that in the crime of bodily harm, a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued. Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubio pro reo."

Mid-dinamika kif sehh l-incident, din il-Qorti hija sodisfatta li l-imputat kellu l-*animus nocendi*, u cioè xi intenzjoni generika li jikkaguna xi hsara fuq il-persuna ta' martu. Huwa sabbat fuq l-affarijiet li kien qed juza, u dar fuq martu, kif ukoll tajjar, jew ahjar waddab l-oggetti li kellu f'idejh dak il-hin. Li kieku ma kellux dik l-intenzjoni, kien jibqa' dahru lejn martu u kien sempliciment jsabbat biss, u l-iktar l-iktar li kien jigri, bit-tisbita, c-*chopping board*, is-sikkina u t-tigieg, kienu jaqghu magenbu fl-art. Din il-Qorti tqis li ma jistax jigi argumentat li l-agir tal-imputat li jtajjar *chopping board* flimkien ma' sikkina u tigieg iffrizat, jew semi-iffrizat fid-direzzjoni ta' martu, ma kienx jissarraf f'wiehed li jikkaguna hsara, billi huwa indubitat li meta wiehed itajjar jew iwaddab certu tip ta' oggetti fid-direzzjoni ta' persuna, xi hsara necessarjament tigi kkagjonata. Per konsegwenza, fil-mument illi l-imputat ireagixxa ghal kliem li kien qed jinghad minn martu b'dan it-tip ta' azzjoni u manuvra, huwa certament seta' jipprevedi illi tali agir, kien ser jikkawza xi forma ta' hsara, anke jekk minima. Dan iktar u iktar, meta wara li ghamel tali manuvra, lanqas iccekkja jekk martu kinitx wegghet, izda baqa' fejn kien, u xhin martu telqet mill-kcina, mar jiftah lill-qattus, biex il-qattus jiekol it-tigieg imxerred mal-art halli ma jintremiex. F'kazijiet fejn persuna tkun laqtet bi zball oggetti bil-konsegwenza li dawn jolqtu lil terzi persuni, reazzjoni naturali tkun li ssaqsi jekk wegghux u tiskuza ruhek.

Ghaldaqstant, din il-Qorti sejra ssib htija fl-imputat fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni.

**Dwar it-tieni imputazzjoni**, u cioè biza' li ser tintuza vjolenza, il-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni fl-ismijiet, Il-Pulizija vs. Raymond Parnis, deciza fl-24 t'April 2009, mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Riferenza ghandha ssir ukoll ghall-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Raymond Coleiro, deciza fis-7 ta' Marzu 2012, u ghall-kawza

fl-ismijiet, Il-Pulizija vs. Jeffrey Scicluna, deciza fil-21 ta' Frar 2012, liema sentenzi gew moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Fid-decizjoni kontra Jeffrey Scicluna, il-Qorti qalet hekk:

*"Biex ikun hemm ħtija taħt l-artikolu 251B irid jirriżulta li jkun hemm a course of conduct kif juri l-kliem: 'lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet'. Jista' jkun hemm aktar minn okkażjoni waħda fl-istess jum u għalhekk ikun applikabbli l-artikolu 251B xorta waħda. Iżda kemm mill-imputazzjoni kif miġjuba kif ukoll mill-provi ma jirriżultax li kien hemm din a course of conduct fl-istess jum. Ix-xhud irreferiet għal x'ġara qabel iżda l-kliem tal-imputazzjoni jkopri jum wieħed biss. Barra dan ma jirriżultax li kien hemm xi kundanni oħra tal-appellant dwar theddid lil martu. Isegwi li l-appellant ma jistax jinsab ħati skont it-tieni imputazzjoni kif dedotta".*

Issir riferenza wkoll ghas-sentenza Il-Pulizija vs Francis Xavier Micallef, deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-17 ta' Frar 2011:

*"Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll bir-reat ta'l-hekk imsejjah "harassement" bil-vjolenza kif previst fl-artikolu 251B tal-Kapitolu 9. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Raymond Parnis (per Prim'Imhallef Vincent DeGaetano 24/04/2009), il-Qorti tat definizzjoni ezawrjenti ta' dak li jikkostitwixxi ilharassement taht dina id-disposizzjoni tal-ligi. Il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha fil-fatt tissottolinja l-fatt illi l-kelma "imgieba" fit-test tal-ligi timplika "a course of conduct" u mhux xi incident wiehed izolat. Il-Qorti tistqarr:*

*… illi dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions." L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara xxebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…" . Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att*

*materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions". Ghal xi raguni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem "on at least two occasions thallew barra". Fi kliem l-edituri ta' Blackstone's Criminal Practice, 2008:*

*"How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…"*

*Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini talimsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond iccirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant. Dak li qed jigi deciz f'din ilkawza hu biss li incident wiehed (u, per di piu`, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi."*

Illi mill-qari tal-akkuza, jirrizulta illi l-imputat qed jigi akkuzat b'incident wiehed li sehh fl-4 ta' Novembru 2018, ghall-habta tal-hdax u nofs ta' filghodu. Illi ghalhekk, il-Qorti ma tistax tqies il-fatti kif stabbiliti fil-kawza, bhala a "*course of conduct*" (fit-test Ingliz) li skond gurisprudenza ta' din il-Qorti, trid tirrizulta biex jissussistu dan ir-reat ta' ikkagunar ta' biza' (ara f' dan is-sens l-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Raymond Parnis" per V. De Gaetano C. J. [24.4.2009]). Ghaldaqstant, l-imputat qed jigi liberat minn din it-tieni imputazzjoni.

Dwar it-tielet imputazzjoni, din il-Qorti tqis li fil-qasam kontravvenzjonali: "*ghall-imputabbilita` ta` dan ir-reat hi bizzejjed il-volontarjeta` tal-fatt; hu bizzejjed li limputat kien il-kawza efficjenti volontarja tal-fatt kontravvenzjonali, minghajr ma hemm bzonn illi jkun hemm fl-imputat il-kuxjenza tal-illegittimita` tal-fatt stess. Jekk hu ried il-fatt biss, allura hu fi stat kontravvenzjonali. B'mod illi l-indagini tal-Qorti ghandha tkun ristretta filli l-gudikant jara jekk l-imputat riedx il-fatt, meru u semplici.*" (*Il-pulizija vs Anthony Mallia App.Inf – 24/02/1960 )*

Dan ghaliex, "*il-Qorti ma ghandhiex taghmel ebda ricerka dwar l-element intenzjonali ta' dan ir-reat; ghax il-ligi rilevanti tikkwalifikah bhala kontravvenzjoni, u fil-kontravvenzjonijiet hija bizzejjed il-volontarjeta', ghalkemm din tista' tkun eccezzjonalment eskluza fil-kaz ta' zball invincibbli u essenzjali, u li jgib, dejjem eccezzjonalment, il-bwona fede.*" (*Il-Pulizija vs Carmelo Bonnici – Appell Inferjuri 15/02/1958)*

Illi allura l-element intenzjonali f'din l-akkuza ta' natura kontravvenzjonali, ma hemmx bzonn li jigi ippruvat, u cioè li l-imputat ghamel l-azzjoni inkriminatorja b'xi hsieb maghmul, b'xi intenzjoni premeditata. Il-volontarjetà tal-att innifsu, hija bizzejjed. Issa fil-kaz odjern, stante li l-imputat ser jigi misjub hati li kkaguna feriti hfief fuq il-persuna ta' martu, din l-imputazzjoni ser titqies li hija assorbita fl-imputazzjoni ta' kkagunar ta' feriti hfief.

**Ikkunsidrat**

Dwar il-piena, din il-Qorti qieset illi l-griehi kienu ta' natura hafifa, u kienu jikkonsistu biss fi tbengil fuq it-tieni suba' tas-sieq il-leminija. Din il-Qorti qieset ukoll li dawn sehhew minn ragel ghal fuq martu waqt argument li kien ghaddej bejniethom, u li spicca eskala. Din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni, il-fedina penali nadifa tal-imputat, kif ukoll il-fatt li dawn kienu ilhom mizzewwga ghal 28 sena, u li qatt ma kienu saru rapporti mal-pulizija fuq incidenti simili.

**Decide**

**Ghal dawn ir-ragunijiet fuq esposti, din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 11, 31, 214, 215, 221(1), 222(1)(a), 202(h) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lil Vincent Preca hati tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni, filwaqt li qed tilliberah mit-tieni imputazzjoni. Il-Qorti hija tal-fehma li fic-**

**cirkostanzi, piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea, u billi jissussistu l-elementi ai termini tal-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed lill-imputat Vincent Preca, taht Ordni ta' Probation ghal perijodu ta' sentejn (2) mill-lum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess, u anness ma' din is-sentenza.**

**Ai termini tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fisser lil Vincent Preca bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-Ordni ta' Probation, u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza, u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet, u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu tal-Ordni ta' Probation, tista' tinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.**

**Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni ta' Probation moghti b'Digriet ta' llum stess, ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation, sabiex jassenja Ufficjal tal-Probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' Vincent Preca.**

**B'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' Anna Maria Preca, ghall-perijodu ta' sentejn (2) mil-lum, skont id-Digriet anness ma' din is-sentenza.**

**Il-Qorti fehmet bi kliem car u li jinftiehem il-portata ta' din l-ordni, u l-konsegwenzi li l-hati jkollu jaffaccja fil-kaz li huwa jonqos milli jwettaq din l-ordni, skont kif ordnat lilu.**

**Magistrat Dottor Simone Grech**

**Janet Calleja**

**Deputat Registratur**